MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Numru 20/2002

**Il-Pulizija**
**(Spt. Maurice Curmi)**
**vs**
**Joseph Portelli**

**Illum 25 ta’ Frar 2009**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Portelli, iben Francis u Rose nee’ Muscat, ID 44642, akkuzat talli f'Ghawdex b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Lili u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, qabel 6.7.1993 – 1.10.2001 bhala propretarju tal-fond 75, Triq San Blas, Nadur, Ghawdex u bhala persona li fuqek huwa rregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b’mezzi qarrieqa u li bihom seta kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ dan il-

kurrent elettriku jew li bihom seta jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommettejt serq ta’ kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq jammonta ghall-Lm370.26,2 liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u l-valur.

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kax kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Semghet ukoll s-sottomissjonijiet tal-partijiet fejn l-abbli difensur tal-imputat rrileva li l-akkuza hija preskritta bi trapass ta’ hames snin.

Ikkunsidrat:

**Dwar il-preskrizzjoni tal-akkuza**:

Illi l-imputat qed jinvoka il-preskrizzjoni ta’ hames snin dwar l-akkuzi dedotti kontra tieghu. Din l-akkuza hija dik ravvizata fl-artikolu 263 u 267 tal-Kap 9 u stante li si tratta ta’ serq aggravat bil-mezz u bil-valur, skond l;-artikoli 278 u 280 ta-Kap 9, din timporta piena ta’ prigunerija minn hames xhur sa tlett snin. Illi ghalhekk skond l-artikolu 688(d) tal-Kap 9, l-akkuza tkun preskritta bi trapass ta’ hames snin.

Illi l-akkuza hija redatta b’mod infelici meta tindika d-dati li fihom l-imputat allegatament ikkometta dan ir-rejat. Din tghid li hu ikkometta dan is-serq “qabel 6.7.1993 – 1.10.2001”. Il-Qorti frankament ma tistghax tifhem ghal-liema perjodu qed tirreferi l-prosekuzzjoni ghalhiex dak kollu li sehh qabel l-1993 u bla dubju preskritt jekk l-akkuza harget f’Mejju tal-2002. Mill-process verbal esebit kif ukoll mill-atti processwali jirrizulta illi l-adetti tal-Korporazzjoni EneMalta kienu ghamlu spezzjoni fil-fond tal-imputat f’Settembru 2001 meta hemm sabu konnessjoni illegali mal-linji tad-dawl tal-istess EneMalta.

Illi minkejja dan, l-prosekuzzjoni ghazlet li tindika bhala dati ta’ serq tal-kurrent elettriku dak kollu li sehh qabel is-6.7.1993. Fl-istess waqt l-akkuza donnu qed tghid ukoll dak kollu li sehh qabel il-1.10.2001 izda fil-kamp kriminali dan ma jwassalx ghal akkuza cara kif tehtieg il-ligi sabiex l-imputat ikun jista’ jressaq id-difiza tieghu;

Il-Qorti ghalhekk qed tifhem b’dan illi l-imputat huwa akkuza b’dak l-akkadut ta’ qabel ll-1993, liema cirkostanza tirrendi l-akkuza preskritta skond id-dispost tal-artikolu 688(d) tal-Kap 9;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------